TEL. 36610
OR OFFICE HRS.
30862

# "G H A D A  TARD  WISQ...."

## MAQLUBA GHALL-MALTI W ADATTATA MINN LINO FERRIS

### F'ATT WIEHED

BOARD OF FILM CENSOR
No. 9
MALTA.

Jiehdu sehem:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Maria | [redacted] | 30 sena | - It-tifla l-kbira tal-familja |
| Raina | [redacted] | 24 sena | - Oht Maria - tghix Londra |
| Charles Borg | [redacted] | 38 sena | - Il-kbir tal-famlija |
| Frances | [redacted] | 35 sena | - Il-mara tieghu |
| Jane | [redacted] | 22 sena | -Oht Maria - iz-zghira |
| Iz-zija Guz | [redacted] | 65 sena | -Oht missier it-tfal |
| Carmenu Borg | C.W | 80 sena | -Missier it-tfal |
| Paul Decesare | Miell | 40 sena | -Studjuz u ghalliem fl-Universita |
| Messaggier | | 20 sena | - |

This play has been examined by the undersigned and found fit for exhibition to persons of all ages ('U' CERT.)

Charles D. Clews
October 23, 1982

---

L-ewwel Xena: Filghodu ghall-habta ta' l-ghaxra.
Wara l-Blackout: Filghaxija.

---

Id-dramm jisvòlgi fil-kamra tas-salott fid-dar ta' Carmenu Borg.

---

(Maria tkun liebsa l-iswed, sinjal ta' viztu. B'fardall zghir. Kif icempel il-bieb tidher hierga mill-kcina u tmur biex tiftah. Tidher kemmxejn fuq ix-xwiek u ma tafx X'se taghmel. Ghandha xi haga tberren fuq mohha.)

(ICEMPEL IL-QAMPIENA ......MARIA TMUR TIFTAH)

Messaggier: Hawnhekk Borg jekk joghogbok ?

Maria: Eh..Iva (Tinduna li ghandu kuruna tal-fjuri, fuqha mwahhla bicca sewda) Grazzi hafna.

Mess: Fejn naghmilha sinjura ?

Maria: Poggiha mas-siggu. Minghand min hi ? .

Mess: (Jaqra l-biljett) Minghand bintek l-ghaziza Jane.

Maria: Grazzi hafna.

Mess: Sinjura jekk trid nehodlok hsieb kollox jien. Nisgurak li tohrog bl-irhis.

Maria: Le grazzi, m'hemmx ghalfejn.

Mess: Ghandi twiebet mill-isbah, naghmel li trid, kif trid, tal-kewba, biz-zingu, b'erba angli filgenb....

Maria: Ara, diga ghidtlek - kollox lest. Tkun darb'ohra.

Mess: Toghogbok il-kuruna sinjura ?

/ Page 2....

Mr Clews please phone Fr Ant Sultana SDB. 31447

Maria: Iva grazzi...issa tista tmur.

Mess: Nista nkun ta' xi ghajnuna ohra ?

Maria: Le grazzi. Hawn xi haga. Grazzi hafna u sahha. Forsi tkun darb'ohra.

Mess: Halli naghtik biljett sinjura, f'kaz li jkollok bzonn. Sahha u l-ghomor Sinjura.

(JOHROG IL-MESSAGGIER. MARIA TIDHER INKWETATA, WARA FRIT ICEMPEL IL-BIEB TA' BARRA)

Maria: Issa ha naraw min imiss! (TMUR TIFTAH)

(TIDHOL RAINA, TIDHER IMBIKKMA LIEBSA L-ISWED)

Raina: Kif int Maria ? (TGHANNAQHA)

Maria: qeghda niehu gost narak wara dan iz-zmien kollu. Baqghalek xi bagalji isfel ?

Raina: Le Maria dawn kollox. Kemm xtaqt kont hawn. Ma stajtx tinfurmani qabel ?

Maria: Il-papa ma kienx zghir. Kienet ghall-gharrieda.

Raina: Isa Maria, ghamel kuragg. Nista nobsor kif thossok. Imma llum jew ghada ta' kulhadd trid tasal.

Maria: Iva tassew.

Raina: (TPOGGI FUQ IS-SUFAN) Fejn huma l-ohrajn ?

Maria: Ghadhom ma gewx. Int ta' l-ewwel.

Raina: Kont nistenna li nsib id-dar mimlija bin-nies.

Maria: Mindu gejna nogghodu s-Swieqi, il-girien ftit ghandna kunfidenza maghhom. Barra minn hekk jien ma qaghadt nghid lil hadd. Nixtieq li jsir kollox bil-kwiet. L-importanti hi li ahna nkunu flimkien, mhux hekk ?

Raina: Minn daqshekk sewwa ghamilt. F'hi xhin hu l-funeral ?

Maria: Wara l-ikel.

Raina: Kif miet Maria ? Kien migugh ?

Maria: Le lanqas xejn. Miet bhal ghasfur!

Raina: Ahjar hekk. Hawn min idum ikarkar....Tajtni x'nahseb ghaliex it-telegramm tieghek kien ftit xott.

Maria: Jista jkun, imma emminni ma kontx naf x'jiena naghmel.

Raina: Nista nobsor. Ghalkemm ma kienx zghir, /Page 3...... makontx qed nistenniha hekk ghalarrieda.

(MARIA TAQBAD IL-KURUNA TAL-FJURI) X'sejra taghmel biha ?

Maria: X'sejra naghmel biha ! Xejn. (TERGA TPOGGIHA FIL-GENB)

Raina: Minghand min hi ?

Page 3......

Maria: Minghand ohtok li hemm Ghawdex. Minn meta giet trasferita ghal Ghawdex insietna ghal kollox dik! Taf li ilha ma tigi Malta aktar minn sitt xuhur !

Raina: Forsi ghanda xi namrat minn hemm.

Maria: Jiena u missierek daqshekk nafu. Kieku qatt indenjat ruhha tigi tarana jew ghallanqas iccempel. Hekk hi l-hajja moderna. Tkabbar it-tfal u jitilquk hekk.

Raina: Isma Maria, ma rridekx tahseb li sthajt nilbes l-iswed. Imma l-Budget ma servinix biex nixtri libsa sewda. Gbart kull ma kelli u qtajt passagg ma l-ewwel ajruplan li kien hemm.

Maria: Ma jimportax.

Raina: Mur ara Charles kif se jkun liebes. Ma riedx wisq li mar jixtri libsa ghall-okkazzjoni. Imma dak ghandu mnejn.

Maria: Ma nahsibx li missierna jimportah li ahna nixtru lbies ghal din l-okkazzjoni. L-importanti hu, li ahna nkunu hawn ghal din l-okkazzjoni.

Raina: X'kumbinazzjoni. Kieku llum jaghlaq 80 sena.

Maria: Iva, kieku llum konna nkunu qedin niccelebraw il-birthday tieghu.

Raina: Kemm qed jiddispjacini li ma gejtx narah meta kien haj. Imma issa nahseb li kollu ta' xejn li noqghod newden. Tard wisq.

Maria: Qeghda niehu gost li jiddispjacik Raina. Ghandek ghal-fejn. Kulhadd insiena. Jane marret Ghawdex, bhal dak li qallu hawn xi kontinent jaqsam, f'temp ta' sieghha tkun hawn,; Charles dejjem imhabbat, ma jsibx hin, inti Londra - miskina l-isfortunata tal-familja!! u jien kelli nibqa ma missieri, niehu hsiebu jien. Imma, hekk hi l-hajja.

Raina: Imma Maria, inti taf li kieku stajt.....

Maria: Kulhadd b'xi skuza.

Raina: Veru li l-ohrajn kienu jahsbu ghal rashom, imma jiena kelli raguni.

Maria: Kulhadd kellu xi raguni. U missierna kellu r-ragunijiet taghkom biex izommulu kumpannija. Charles mohhu kif jaghmel il-flus, Inti x'raguni kellek ?

Raina: Jiena....jiena ghax ma kellix flus. Insejt li l-papa Alla jahfirlu kien silifni xi flus.

Maria: U iva, dawn l-erba liri li silfek.

Raina: Erba liri, erba mija trid tghid !

/Page 4....

Maria: Erba mija ?!! Din hadd ma kien jaf biha.

Raina: Qatt ma kelli biex inhallsu lura. X'taghmel ? Ghalhekk qatt ma kelli l'wicc nigi narah.

Maria: Kemm tirraguna Raina. Kellek taghtih il-flus allura ma tigix tarah.

Raina: Kont dejjem nittama li ghad nerbah il-pools.

Maria: U jien minghalija li ma gejtx minhabba Frances.

Raina: Insomma parti mir-raguni. Kif inhi Frances ?

Maria: Jien daqshekk narahom. Kieku qatt jersqu l-hawn.

Raina: Imma ghandi nittama li jigu ghall-funeral.

Maria: Alla hares le.

Raina: Maria, kif qedin wehidna...hsibt x'se taghmel issa ?

Maria: X'naghmel ?

Raina: Ma tistax tibqa wahdek issa la darba l-papa miet. Tridx tigi mieghi tghix Londra ? Xejn xejn tiehu hsiebi. Xoghol insiblek u ghal permess tax-xoghol nirrangalek ukoll.

Maria: Bhal issa Raina m'ghandix hsieb dawn l-affarijiet. Izda grazzi tal-hsieb.

Raina: Imbaghad ikollna zmien nitkellmu fuq hekk.

Maria: Irrid niehu hsieb l-ikel.(ICCEMPEL IL-QAMPIENA) Nahseb li wasal Charles, kollox metodiku "tlinn tlinn" . Mur iftah Raina halli nkompli xi haga.

(RAINA TOHROG TIFTAH U JIDHLU CHARLES U FRANCES, CHARLES B'KURUNA F'IDEJH)

Raina: Ghaddu ghaddu...kif inthom ?

Charles: Qed niehu gost narak Raina. Tidher tajba. Miskin il-papa, konna ilna nistennewha. Fl-ahhar waslet. Vera daqqa ta' harta. Kieku llum jaghlaq sninu taf xejn ?

Raina: Dazgur, x'kumbinazzjoni. (TERSAQ FUQ FRANCES) Kif inti Frances ?

Frances: Tajba Raina. Naghtik l-ghomor. Fejn hi Maria ?

Raina: Fil-kcina....halli mmur nghidilha. (TOHROG U MAHHHA TIEHU L-KURUNA)

Frances: Li kont minnek ma nitlifx zmien biex nghidulha tigi toqghod maghna.

Charles: Ghalfejn din l-ghagla kollha ?

Frances: Forsi l-ohrajn ikunu ta' l-istess idea.

Charles: Imma hadd m'ghandu dar bhal taghna. Fejn trid toqghod maghhom ?

Frances: Insomma, xejn xejn tkun ta' ghajnuna ghalija b'dawk it-tfal.

Charles: Frances, f'gieh kemm hemm.....

Raina: (TIDHOL) Maria dalwaqt gejja. Halli niehu l-kuruna ma l-ohrajn. Dnub li ma jistax jarha.

Charles: Dnub li ma jistax jara din. (JURIHOM IL-GAZZETTA)

Raina: Dik x'inhi ?

Frances: Charles cempel lill-editur u kiteb erba kelmiet tassew sbieh fuq il-papa. Kien ghalliem ta' klassi fi zmienu. Vera erba kelmiet ta' min jghozzohom. Kien tassew stmat il-papa u baqa maghruf fuq dik it-tezi li kien ghamel dwar Ghar Dalam.

Charles: Kif haditha Maria?

Raina: Ghadni ma nistax naqbad art.

Frances: F'liema sens ?

Raina: Tidher fuq ix-xwiek mhux bhas-soltu.

Charles: Maria bniedma ta karattru sod.

Raina: Nahseb li kollox imur sew. Kif tghaddi din il-burraxxka nghidilha tigi toqghod mieghi.

Charles: M'hemmx ghalfejn (DAQQA T'GHAJN LIL FRANCES) issa nghidilha tigi toqghod maghna.

Frances: Int bilkemm tista tghix wahdek f'dik il-gabuba li ghandek Londra, ahseb u ara tistieden lill-ohtok tigi tghix mieghek.

Raina: Inti tindahalx u tibdiex bhas-soltu. U ghamilli pjacir ilhaq affarik.

Charles: Ara aqtawha halli mmur inkellimha jien. (CHARLES JOHROG)

Raina: Maria tidher kemmxejn irrabjata ghaliex ma konniex nigu narawh ta' spiss.

Frances: Jien u Charles konna mhabbtin. Tifimhom int l-affarijiet meta tnejn ikunu fin-negozju.

Raina: Dazgur, dazgur. (SARKASTIKAMENT)

Frances: Il-mewt ta missierek ma kienitx mistennijja. Maria qaltlek kif miet ghaliex ahna kull ma smajna fuq it-telephone kien sempliciment "Charles missierek miet il-bierah" - "Ghada l-funeral".......

Raina: Xi tridha tghidilkom izjed, li ha tghamillu tebut taz-zingu b'ghaxar angli fuq kull naha u li se tlibbsu l-libsa tat-tieg? Tajba din, kieku kont jien lanqas biss kont nindenja ncempel lil hadd. (TIDHOL MARIA)

Maria: Kif int Frances ?

Frances: Jiddispjacini Maria. Il-bierah bil-lejl ma stajniex nigu ghaliex tant hadniha bi kbira l-ahbar.

Maria: Dazgur, nista nobsor.

Charles: Insomma Maria, ahna nixtiquk tigi toqghod maghna.

Maria: Grazzi imma ghadni ma hsibtx dwar dan.

/Page 6.......

Charles: Ghandek ragun. Nimmagina lanqas biss kellek zmien.

Maria: Tafu kemm ilkom ma tersqu l'hawn ?

Frances: Imma Maria......

Maria: Dejjem b'xi skuza lesta fil-komma.

Charles: U le Maria mhux hekk.

Maria: Imma kollha sibtu hin ghall-funeral hux hekk ?

Charles: Alla hares le, x'kull wahda ukoll.

Maria: Skuzawni...imma ninsab nervuza hafna bhallissa.

Charles: Nafu Maria. Ma gara xejn. Imm m'ghandekx taghmel hekk..... ghaliex anke ahna ninsabu......

Maria: Jane baghtet dik il-kuruna.

Charles: Tnejn biss hawn kuruni ?

Raina: Int trid tghid xi haga lili ?

Charles: Le mhux ghalik qed nghid.

Raina: Taf daqsi li ma tantx jghogbuni l-fjuri, ahjar naghmel quddiesa ghar-ruhu.

Charles: U aqtaghha kemm int kiesha u vojta.

Raina: Int lili qed tghid..ara kif tkellimni.....

Maria: Is-sinjorina ohti ma gabitx fjuri.

Charles: Bhal dak li qallu.....

Raina: Araw, mhux ajhar inbiddlu id-diskors, lanqas haqq min jismaghna nitkellmu bejnietna.

Maria: Jahsbu li kellna xi nghidu fuq it-testment.

Charles: Kien hemm testment?

Raina: Nahseb li lill-papa tafu aktar minni. Taf li kien ihobb jaghmel kollox sewwa u bil-galbu.

Charles: Kollox jispicca u jintemm. Kien jaghmel kollox bil-propjeta....

Raina: Maria, meta jghaddi kollox imissek tmur xi btala, insa dak kollu lu ghaddejt minnu.

Maria: Imbaghad wara ?

Frances: Nista nghin f'xi haga ?

Maria: Grazzi, imma nahseb li kollox naf niehu hsiebu f'hinu u f'waqtu.

Charles: Nahseb li kulhadd gej ghall-funeral ? Kemm se nkunu b'kollox ?

Maria: Qed ninkwieta fuq Jane. Suppost li diga waslet kieku qabdet l-ewwel vapur ghall-Marfa.

Charles: Imma jien ma kontx qed nahseb fuq Jane biss. Kemm ser inkunu b'kollox.

Maria: Hadd izjed.

Charles: Kif hadd izjed ?

Raina: Maria, il-papa kellu hafna hbieb u qraba minbarra uliedu. Missek gharrafthom ukoll.

/Page 7.....

Maria: Int ghax ma mortx thabbat il-bibien int, x'kull wahda. Missek ghamilt hekk u missek ghamilt dan u l-iehor. L-importanti hu li gejtu inthom u daqshekk.

Frances: Sewwa mhux hekk ghandu jkun. Jane biss ghadha ma tidhirx!

Charles: Dalwaqt immur nistaqsi jekk il-vapur t'GHawdex hadimx. Illum hemm bahar jibla l-art.

Raina: Cempel, ghallfejn sejjer il-Marfa.

Charles: U minn qallek li sejjer il-Marfa. Sejjer sa l-ghassa.

Maria: Ehmm...xtaqt nghidilkom xi haga.

Charles: Allura ghid dak li ghandek tghid.

Maria: Mhux issa, rega bdieli.

Charles: Kollox sew. Ha mmur sa l-ghassa. (CHARLES JOHROG)

Maria: Charles m'ghandux sabar joqghod hawn.

Frances: Kieku taf kemm beka l-bierah bil-lejl meta konna fis-sodda. Beda jolfoq qiesu tarbijja.

Raina: Ahna certi Maria. Min jaf kemm hadt pacenzja bil-papa Alla jahfirlu, f'dawn l-ahhar snin. Allura miet hekk ta' malajr ? Nahseb int kont li sibtu mejjet.

Maria: Le, kif qal li kien migugh cempilt it-tabib u qalli biex niehdu l-isptar. Kif tafu din ma kinitx l-ewwel darba. Hsibt li se jghaddilu bhas-soltu, izda ftit wara li wasalna l-isptar miet.

Frances: Allura miskina kont wahdek ?

Maria: (SARKASTIKAMENT) Ma kien hemm hadd minnkom biex isabbarni. L-unika haga li stajt naghmel kienet li ncemplilkom u naghtikom l-ahbar. (TOHROG KEMMEJN BIS-SUPPERVJA)

Raina: Jien ma nafx kif qed thossok int Frances, u izjed w'izjed Charles, imma jien inhossni hatja. Ghandha ragun biex tbih Maria tkun ftit migbudha.

Frances: Tghid mhux lilha hella kollox, jew se tghidli dak x'ghandu x'jaqsam!!

Raina: Immaginhom ftit Frances. Maria u missieri hawn wehidhom, sena wara l-ohra, rari jigi xi hadd jarhom. Hass hazin ghal gharriedha, la telephone m'hawn, ikollok tmur ghand il-girien issaqqaf wiccek. Toqghod tahseb ftit mhix haga tac-cajt.

Frances: Min jaf ic-certifikat tat-tabib xi jghid ?

Raina: Mhux xi attakk tal-qalb tghid. Il-papa kien ilu jilghabha ghal zmien twil. Aqta' x'rimors ghandi, kien imissni nigi narah aktar spiss. Taf ghaliex ma gejtx ?

Frances: Le, mhix bicca XXXMX tieghi.

/Page 8......

Raina: Le, haga tajba tkunu tafu ghalfejn. Ghal habta li kontu zzewwigtu intom il-papa kien silifni xi flus. Kelli ntenzjoni li nsiefer u naghmel karriera. Biex imbaghad tlift flusu bil-karriera b'kollox.

Frances: Offi ghalik hej, ghalhekk ma gejtx tarah izjed il-papa ?
(ICEMPEL IL-QAMPIENA - U RAINA TOHROG TIFTAH)

Raina: Halli nara jien. (TOHROG) (WARA FTIT TIDHOL MA JANE) Kif int Jane kemm ili ma narak.

Jane: Jahasra l-papa.....ara Frances, kif intom. Charles mhux hawn ? Miskin il-papa halliena. (TIBKI)

Frances: Charles mar sa l-ghassa biex jara l-vapur hadimx.Jane

Jane: Tibzax, bil-hniena wasalna. Kien hemm bahar jibla l-art, U jien jahasra dejjem jaghmilli d-deni. Ghalhekk nigi mill-anqas!!

Maria: (TIDHOL) Wasalt Jane, hadna hsiebek.

Jane: (Tmur u tghannaqha) Maria.....

Maria: Ejja ejja issa, ghamel kuragg, ma nibdewx bil-hmerijiet.

Jane: Skuzawni, nitlobkom tikkupatuni imma l-emozzjoni tigri bija. Haga wahda xtaqt nghidlek mill-ewwel. (PAUSE) Jekk trid ejja oqghod mieghi Ghawdex, biddel ftit l-ambjent.

Maria: Grazzi Jane, imma Ghawdex fejn tridni mmur nahdem, nahseb ftit hemm bzonn Private Secretary, bix-Shorthand u l-esperjenza li ghandi. Grazzi xorta wahda. (TQARRAS WICCHA MINN TAHT)

Jane: Insomma jiena qeghdha noffrilek minn qalbi.

Maria: Thabblux raskom ghalija. Li kieku jaf il-papa kemm ser iggibuli rispett kien jiehu gost tassew, anzi jiena zgura li kien imut qabel.

Raina: Maria ghamlilna pjacir u toqghodx tghid hmerijiet.

Maria: Nahseb li n-nervi qed jaghmlu bija.

Raina: Ma gara xejn b'daqshekk, ejja ninsewha.

Jane: Kemm xtaqt rajtu qabel miet. Imma Maria kieku cempiltli jahasra, possibbli ma kellekx zmien ?

Maria: Le ma kienx hemm zmien.

Jane: Qatt ma bsart le se jmut hekk malajr. Ma nahsibx li ghandi l-kuragg narah issa. Ahjar niftakru kif kien haj.

Raina: Anki jien...naf kif thossok. (ICCEMPEL IL-QAMPIENA)

Frances: Dan min seta gie issa ?

Maria: Halli mmur nara. (TOHROG - KWIET GHAL FTIT U TIDHOL MAL-MESSAGGIER) Ghaddi u poggihom hawn jekk joghogbok.

Mess: (JIDHOL) L-ghodwa t-tajba sinjuri u l-ghomor lilkom. Ghamel kuragg sinjura. (LILL-JANE) Sahha sinjuri.

Maria: Kollox sew grazzi (KWAZI TKECCIH IL-BARRA) Hawn ha, grazzi hafna, sahha. (TAGHTIH XI HAGA TAL-FLUS) (JOHROG) /Page 9....

Kemm hu fitt miskin, dejjaqni.

Raina: (TAQRA L-BILJETT TA' MAL-FJURI)"Minghand Chevalier Pawlu Decesare". Dan min jahbat ?

Jane: Donni smajtu dak l-isem x'imkien.

Maria: Imma dan kif seta jkun jaf li l-papa mejjet ?

Frances: Mill-gazzetta nahseb.

Maria: Mill-gazzetta???!!!

Frances: Ma qallekx Charles ? Kellem lill-editur ghax habib tieghu u gab erba kelmiet kif jixraq fuq il-papa.

Maria: X'ghamel???!!!

Frances: Erba kelmiet li jqabbzulek id-dmugh.

Jane: Miskin il-papa. Ghandek il-gazzetta ha nara ?

Frances: Le, nahseb hadha Charles mieghu. Imma fahhruh hafna bhala studjuz li kien. Charles tassew ha gost. Kif jigi ibqa' zgur li jiehu gost jaqrailkom. Maria, tidher li ma tantx hadt gost.

Maria: Gost!!! (JIDHOL CHARLES)

Charles: Wasalt Jane ?

Jane: Qaghadt tohrog ghallxejn Charles.

Charles: Mhux ghallkollox, ghax kumbinazzjoni hdejn l-ghassa ltqajt maz-Zija Guza u m'ghandkomx ideja kemm hi rrabjata. Qalet li kieku ma qratx fil-gazzetta lanqas biss kienet tkun taf bil-mewt ta' huha.

Maria: Il-gazzetta...tmur titmellah il-gazzetta u int ukoll Charles.

Charles: Ara x'inti tghid Maria taf. Kliem bhal dan ma naccettahx.

Maria: Min qabdek tmur tikteb fil-gazzetta ? (TOHROG)

Raina: (MINN TAHT L-ILSIEN) Nahseb gejja xi wahda llum.

Charles: Mhux gejja xi wahda, dik qed tiggennen.

Jane: Isma wara kollox iz-zija Guza issa giha l-iskruplu. Dik ilha ma tkellmu aktar minn ghoxrin sena.

Charles: Insomma dak m'ghandux x'jaqsam f'mument bhal dan. Qed nitkellem fuq il-funeral, u funeral mhux xi ballu jew pranzu. Ghandu jkun qed titlef.... (TIDHOL IZ-ZIJA GUZA)

Zija: Min qed jitlef!!! Mela kollha gejtu. Hekk ghandu jkun. Prosit ghalikom ilkoll. Jigifieri jien, ohtu l-ghaziza, ghandi nkun naf mill-gazzetti.

Charles: Zija Guz, diga ghidtlek li ahna ma fthemna xejn. Maria ghamlet l-arrangamenti kollha. U milli jidher tant kienet emozzjonata li ghafget kollox.

Raina: Isma wara kollox, missieri, Alla jahfirlu, kien qalli li minn xi ftit snin wara li twelidt jien, int qatt ma kellimtu.

Zija: Dak m'ghandux x'jaqsam. Jiena wkoll ili ma nkellem hafna

/Page 10.......

mill-kugini tieghi, imma nispera li jigu nfurmati meta nmut, ghax hekk ghandu jkun. Kont qed niehu l-bajda u wehlitli meta qrajt fil-gazzetta. Lanqas biss kelli sabar nispicca t-te ahseb u ara kemm kelli zmien nilbes il-vistu. Ha nghidilkom car u tond - kienet tkun bi kbira li kieku ma rajtux qabel ma ndifen. Qatt ma kont nahfrilkom. Fejn qieghed ?

Charles: L-isptar. Mela ma tafx li miet l-isptar ?

Zija: Din isbah. Kien l-isptar u lanqas tghiduli ?

Raina: Le, dan kien kollox ta' malajr. Il-bierah mar l-isptar u wara ftit miet.

Jane: Imma int zgur trid tarah zija Guz ? Mhux ahjar tiftakru kif kien meta kien haj ?

Zija: M'intix tahseb ghalli jista jkun li jien nibza nhares lejn hija ghax mejjet hux ? Wara kollox hija Carmenu ma kienx daqshekk ikreh. Iz-ziju Pawl, kieku tafu kif sar wara mewtu imma dak kien kagun ta' dak ix-xorb kollu li kien jixrob. Dak il-velenu. Jimporta nitla sa kamartu nara erba ritratti ta' tfulijtna.

Charles: (WARA LI JHARSU LEJN XULXIN) Iva, iva ma jimportax. Kemm jista jkun taqla xejn minn postu. (IZ-ZIJA TOHROG) Kif geghdha fuq ahjar nghajtu lill-Maria.

Jane: Xi trid tghid biha ? X'ghandek f'mohhok ?

Charles: Iz-zija Guza sejra tkompli taqla l-qighha, u l'Maria ma nafx x'fatta qed narha.

Frances: Anzi ma smajthiex x'qalet meta kont barra.

Charles: X'qalet??

Raina: Minn fuq li offrejnilha d-dar taghna biex tigi toqghod magbna bil-wicc tost kollu qaltilna li kieku l-papa kien jaf kemm nirrispettawha, kien zgur imut qabel.

Charles: Ma tisthix, dan xi kliem hu.

Jane: Ghamlitli demmi ilma, dak li naf jien.

Charles: Ma nixtieqx nikkomplika l-affarijiet, imma qedin jghadduli certi hsibijiet minn mohhi li mhux ta' min isemmihom.

Frances: X'qed tinsinwa Charles ?

Charles: Emmnuni nibza nahseb fuqha biss, imma tant tisma bi praspar dawn iz-zmienijiet li donnok.......

Raina: Isma Charles donnok trid timlilna rasnha b'xi haga misterjuza.

Jane: Fuq x'hiex qed titkellmu ?

Charles: Qatt ma smajtu li x'uhud, meta jkunu xebghu iduru bihom.... jghinuhom biex imutu!!! Qed nghid hekk ghaliex qed nara' tassew stramb il-mod li bih Maria qed tagixxi. Donnha ghand...

/11.......

xi haga qed tinkwetha.

Raina: Irrid li ssir awtopsja. Ha mmur l-ghassa.

Charles: U ejja l'hawn tkunx belha, taqlax inkwiet. Issa mejjet, miet biex miet.

Frances: Isma' ahna bqajna fuq kliem Maria.

Charles: U nunsabu fil-ghama, u ma nistaw naghmlu xejn.

Maria: (TIDHOL BIL-MOD DONNHA TRID TFISSER LI SEMAGHTHOM JITKELLMU) Fejn marret iz-zija Guza?......

Jane: Marret fil-kamra tieghu, xtaqet tiftakar ftit fl-imghoddi. Riedet tara xi ritratti.

Maria: Issa, wara dan iz-zmien kollu. Setghet giet meta kien haj. Kull sena kien jibghatilha kartolina fil-Milied. Sena wara l-ohra. Kieku biss qatt wegbitu. Biki tal-kukkudrilli.

Charles: Ara Maria, dik qeghda fuq il-kuxjenza taghha. Imma kif qeghdin wehidna xtaqna nkellmuk ftit. Ma nistawx nistennew izjed.

Maria: Mela le bill-qalb kollha. Issa qeghdin migburin bhall ahwa u nistaw nitkellmu bill-liberta.

Charles: Qed niehu gost li ngbarba hawn bhal l-ahwa. Jekk hemm xi haga misterjuza fuq il-mewt tal-papa ahna nixtiequ nkunu nafu mill-ewwel. F'gieh kemm hemm Maria, hi x'inhi r-raguni ahna nirrangaw kollox.

Maria: Tirrangaw kollox ? Hi x'inhi!!??

Jane: Maria, x'gara sewwa sew ?

Maria: Mela ha nghidilkom. Mela le ma nghidilkomx (KULHADD IMBAZZA) Ahjar tingabru fikom infuskom ghax ha tiehdu l-qatha ta' hajjitkom........ (JINSTEMA JINSTABAT IL-BIEB TA' BARRA - PAWSA GHALL-FTIT, U JIDHOL CARMENU BORG)

Carm: (OFF STAGE) Maria, jiena wasalt.

Charles: X'wahda din, dan il-lehen tal-papa.....

Jane: (TGHAJJAT) Il-papa ???

Frances: Charles!!! (tqum u tmur hdejh)

(JIDHOL CARMENU, xih, jimxi bil-MOD, FTIT TRUX, IZDA MINN TAGHNA. JIDHER EMOZZJONAT)(MARIA TIBDA TKANTA MINN TAHT L-ILSIEN B'LEHEN MIKSUR U BID-DMUGH F'GHAJNEJHA U TISTIEDEN LILL-OHRAJN BIEX IKANTAW UKOLL..........

Maria: Happy birthday to you....happy birthday to you......

Carm: Mela gejtu lkoll ghall-birthday tieghi ? Kemm qed niehu gost. Raina, int ukoll qadt tinqala' minn Londra...(JITGHANNQU) ...are Jane tieghi.....(JITGHANNQU)

Jane: Papa, papa inhobbok hafna.....

Charles: Pa, jien u Frances, ilna ftit ma narawk. Kif qed thossok ?

/Page 12.......

Carm: U ibni, bhax-xjuh. Imma kollox ma kollox mhux ghax ghandi ghallfejn ingorr.

Maria: Ghaliex mhux qed tkantaw....ejjew flimkien....HAPPY BIRTHDAY...

Charles: (LIL-MARIA MINN TAHT L-ILSIEN) X'ifisser dan kollu ?

Maria: Imbaghad nghidlek wara.

Carm: (JIMSAH ID-DMUGH MINN GHAJNEJH) Grazzi tassew uliedi. Grazzi Maria, nahseb dan xogholok. Imma ghaliex bqajtu hemm skantati donnkom rajtu xi spirtu. M'inix ser nigdimkom tafux!! Ghamiltuli tassew festa mill-okkazzjoni. Kulhadd gie pulit ukoll, donnkom kontu sejrin xi funeral!!

Jane: Qedin niehdu gost narawk qawwi u shih.

Carm: Tajba din, ghaliex m'ghandix inkun qawwi u shih !!

Maria: Imma ghaliex gejt kmieni aktar mis-soltu Pa ?

Carm: Binti, illum billi l-birthday tieghi, it-tabib qalli "Carm, illum naghtuk vaganza, m'hemmx ghallfejn taghmel l-ezercizzju tas-soltu, mur u gawdi.." U jiena ma kontx sejjer narah it-tabib illum, imma tant kemm sfurzatni Maria, donnha riedet twarrabni min-nofs.

Maria: Pa xtaqt naghtik sorpriza.

Carm: Tergax taghmel wahda bhal din, ghaliex qalbi illum ma tantx tiflah tiehu sorprizi bhal dawn. (JIBDEL) Allura Raina qadt tinqala minhabba fija...kif int ?

Raina: Tajba hafna Pa, int kif thossok ?

Carm: Jien ahjar minnek Raina.....

Zija: (TIDHOL) Hawn x'inhu jigri. Ghallfejn dan il-kant u storbju mela dan waqt!! Lanqas haqq x'jghidu l-girien fuqkom.

Carm: Tghidlix li qed nisma lehen Guza ?

Guza: (TMUR FUQ CHARLES U TIGBDU MILL-KOMMA) Charles, tidhaqx bija, imma jien qed nara sew, dak Carmenu ? Hemm ara bilwieqfa, qed tara bhali ?

Carm: Guza, x'il minfah qeghda taghmel hemm ? Mhux ser tifrahli, illum il-birthday.......

Raina: Il-gennata hi li ahna lkoll qeghdin narawh.

Maria: Imma ghidu l-verita, hix haga sabieha li ngbarna lkoll hawn illum fl-okkazzjoni ta' eghluq sninu.

Zija: Ghalfejn gejna hawn ??

Jane: Ghax illum il-birthday tieghu zija Guz.

Zija: Imma huwa support mejjet, u qeghda fil-gazzetta wkoll.

Carm: X'inhu fil-gazzetta Guz, li jiena ghandi l-birthday ?

Raina: Taghtix kashom Pa. Ejjew ha niccelebraw. Fejn izzommu x-xorb ? Nahseb li kulhadd jiehu grokk!!

Carm: Dazgur li kulhadd jiehu. Maria, ghidilhom li sikwiet niskru jien u int.

/13.......

Maria: Ejja ghini ftit Raina. (TMUR LEJN IL-CABINET U TOHROG XI TAZZI U XORB)

Zija: Ma tridx tiehu ghal dak li jghidu fil-gazzetti.

Carm: (LILL-FRANCES MINN TAHT L-ILSIEN, IZDA MINHABBA LI HU FTIT TRUX JGHOLLI LEHNU BLA MA JAF) Frances, nahseb li z-zija Guz bdiet thallini xi ftit. Ghadha tewden fuq il-gazzetti. Maria, fejnhi l-borza tat-tabakk ?

Maria: Hellejtha fejn tkun is-soltu Pa.

Carm: Halli mmur ingib it-tabakk. (JOHROG)

Charles: Issa li qedin wehidna, jimporta sinjorina tispjegalna x'ghandek f'mohhok ?

Maria: Qabel xejn Charles aqla' dik l-incravata minn fuqek. Bizzejjed qisek xi deffien b'dik il-libsa.....

Charles: U jien kont pront mort nixtri wahda ghall-okkazzjoni. (RAINA TQASSAM IX-XORB) Ara hallik mill-incravata u l-libsa. Kemm flaht tkun bla qalb biex tilghab cajta bhal din fuqna lkoll.

Maria: Bla qalb eh!!?? Int fost l-ohrajn ghandek il-wicc tghidli bla qalb ? Kull wiehed u wahda minnkom kontu xebbajtuni sax-xifer ta' mniehri bl-iskuzi fjakki taghkom sena wara l-ohra.....Bilhaqq dawk il-kuruni.....

Charles: X'jigifieri l-kuruni?

Maria: Ma rridx inhallih jarhom. (TWARRABHOM MIN-NOFS)

Jane: Seba' liri ghall-erwieh!!

Raina: Kieku dawk iffrankajthom, imma wehilt passagg bl-ajru.

Maria: Jane, issa Charles ihallasielek. Imbaghad naqilghu il-fjuri u nzejnuhom fuq il-mejda.

Zija: Imma Maria, taf li qatghha bhal din setghet baghatitni d-dinja l-ohra hux ??!!!

Maria: Jiena lilek ma xtaqtx indahhlek f'din il-bicca kieku ma qallekx Charles.

Frances: Imma nahseb li ahna lkoll ghandna d-dritt inkunu nafu r-raguni ghal cajta banali bhal din.

Maria: Semplici hafna Frances. Marradttuni lkoll kemm intom dejjem b'xi skuza fil-komma biex ma tersqux l'hawn. U ghax hekk, u li kieku hekk, daqqa ghal haga u daqqa ghal ohra. Dejjem l-istess kull meta nkun se naghmel xi haga, xi laqgha tal-familja - dejjem l-istess risposta. "Skuzani llum ma nistax, forsi tkun darb'ohra" Ghalhekk gietni din l-ideja.

Raina: X'jigifieri Maria, x'idea hi ?

/Page 14.......

Maria: Meta lkoll bghattu xi risposta b'xi mod jew iehor, kulhadd bl-iskuza mqanfsha tas-soltu, "dak in-nhar ma nistax, forsi tkun darb'ohra" - ghidt bejni u bejn ruhi, missierna mhux zghir forsi darb'ohra jkun tard wisq. Darb'ohra forsi jkun il-funeral tieghu, u jiena kont zgura li ghal dak kulhadd kien jigi. Izda kienet tkun hasra ghaliex la kontu tkellmuh u lanqas hu ma kien jarakom.

Raina: (TISMA' LIL-CARMENU GEJ) Sssscchh, biddlu d-diskors ghax gej.

Carm: Maria, mhux fuq it-tavolina qeghdha!!

Maria: Le pa, is-soltu mhux fil-kexxun tkun.

Raina: Ejja pa ddumx, ha nixorbu bis-sahha tieghek. (CARMENU JERGA JOHROG).

Maria: Domt hafna zmien nahsibha. Tkunu lkoll hawn bid-dmugh tal-kukkudrilli....imma kollox ikun tard wisq. Naf x'naghmel ghidt, nghidilhom li miet. Hekk zgur jigu ghall-funeral u b'hekk niccelebraw il-birthday flimkien. Ghalkemm ghemili forsi mhux skuzabbli izda xorta wahda ninsab kburijja li wettaqt dak li xtaqt naghmel. Minn irid issa jista jmur!!!

Raina: Ma kontx ~~li~~ (ma) qeghdha f'demmek li tirrecta. Missek tbiddel il-professjoni tieghek.

Maria: Jiena lanqas kont naf li jien kapaci.

Charles: Imma int bla hsieb!! M'ghaddilekx minn mohhok il-konsegwenzi li seta' kellna. Iccemplilna bil-lejl li l-papa miet!!! Imissek tisthi!!!

Maria: Nisthi jien ? U int xi missek taghmel ? Lanqas imissek tohrog il-barra mill-bieb ta' darek. Kont ilek ma tara l-missierek il-fuq minn sentejn. Dawn l-affarijiet lanqas biss jitwemmnu f'pajjizna!!

Charles: U aqtaghha kemm se ddum issemmi l-istess haga.

Maria: Taf x'jigifieri tiehu hsiebu wahdek ? Iddur bih kuljum anqas tista tmur imkien ? Hu jixjieh u jien iz-zmien ghaddej minn fuqi. Minn jaf kemm-il darba tlift okkazzjoni ghall-futur tieghi. U s-snin jghaddu. U Alla jhares ifettillek issemmi l-flus li tibghatlu. Missierek mhux flus irid imma lelek. Bil-flus ma tixtri lil hadd.

Charles: Kell meta stajt gejt rajtu.

Maria: Wicc bla zejt......

Raina: Vera, sewwa qed tghid Maria. Imma l-kaz tieghi mod iehor, jien kont imsiefra.

Maria: U int galantomha'ohra taf, mhux anqas minn huk. Li ma kontx bahnana qatt ma dahallek f'mohhok li ghall-missierek aktar

kont ghaziza int milli l-erba mitt lira li kien silfek ???

Frances: Erba' mijja ???

Raina: Dejjem ittamajt li nhallsu lura, imma qatt ma rnexxieli ngemma bizzejjed.

Jane: Nahseb li Maria ghandhha ragun biex tbih. Ilkoll imissna nisthu. Kulhadd bl-iskuza tieghu. Jien ghax il-bahar jaghmilli d-deni, Raina ghax imsiefra, int Charles minhabba n-negozju u mitt skuza ohra.

Zija: Nahseb li spjegajt ruhek bizzejjed, imma kif dahlet il-gazzetta fin-nofs ?

Charles: X'wahda din, il-gazzetta!!! Kemm se nhossni mbarazzanti. Minn jaf shabi n-negozjanti, kulhadd imur ic-cimiterju, telefonati l-ufficcju, x'wahda tinkiteb grali!!!

~~Charles:~~ Frances: Issa insa kollox Charles. L-importanti hu li qieghed hawn u kif sejjer iggib ruhek issa.

Charles: Jaqbel nohrog il-barra minn hawn qabel ma ninfaqa'.

Frances: Ma tarax li ma tistax tmur ghalissa. Illum il-birthday ta' missierek.

Zija: Illum suppost gejna ghall-funeral!

Raina: Ghax ma naghmlux l-almu taghna kollu biex naghtuh festa kif jixraq.

Jane: Sewwa qed tghid Raina.

Raina: Kulhadd jiccelebra...x'tixorbu ? (TMUR TFERRA')

Jane: U ghamel int Raina.

Carm: (JIDHOL) Maria, f'gich kemm hemm, nixtieqek li ma tibqax tahbili l-borza tat-tabakk. Ma nista nsibha mkien.

Raina: Thabbilx rasek Pa. X'se tixrob ? (JANE IDDOQQ RADIO JEW TAPE RECORDER)

Carm: Ftit Brandy mela. Guza ahjar tiehu ftit Brandy wkoll int, jghamillek tajjeb ghal imsarnek!!

Zija: Lanqas ili hawn ghaxar minuti u se tibda tindahal x'ghandi nixrob. U msarni m'ghandhomx bzonn x'jaghmillom tajjeb fhimt '

Raina: Dazgur li le. X'sejra tixrob zija Guz ?

Zija: (THARES LEJN CARMENU) Brandy.

Carmenu: Allura ghalfejn qeghdha tizber?

Raina: Frances, is-soltu, Sherry hux hekk ?

Frances: Jekk jaghogbok.

Raina: Qed tara kemm niftakar tajjeb.

Raina: (TGHOLLI T-TAZZA) Awguri Pa.

Kulhadd: Happy Birthday...(IKANTAW) Ma tantx nahseb li baqali zmien niccelebra hafna snin ohra. Nahseb li ghext bizzejjed. Ghal-lum qed niehu gost hafna li hawn intom ilkoll u ma

nistax nitlob ghal aktar. Evviva. (JIXROB) Jien inhobbkom ilkoll. Maria, il-cake li lestejtli l-bierah. Rawh il-Cake ?

Maria: Le, ghandhom ma rawhx ghax intlifna fit-tpacpic.

Carm: Tmenin sena. Xema ghal kul ghaxar snin ta' hajja. Ghax tal-grocer ma kellux bizzejjed.

Jane: Maria, mur gib il-Cake.

Carm: Niddubita nkunx nista niekol minnu ghax nahseb li jghamilli d-deni. U anki Guza, tiehux minnu isma' minni.

Maria: Mhux issa, niehduh mat-te.

Carm: U le, ejjew naghmlu festa, ha mmur nara fejnu jien. (JOHROG)

Jane: Imma kemm hi haga sabieha qisna gibnih lura mill-mewt.

Maria: Ara ma jmurx jaqilbu dak il-Cake.

Jane: Alla hares. Ha mmur nghinu. (JANE TOHROG)

Raina: Tiehu grokk iehor Maria.

Maria: Le grazzi, ghax bl-eccitament qeghdha nhoss rasi ddur bija. Ha mmur ingiblu l-borza tat-tabakk ghax warrabtilu biex kemm jista jkun ipejjep mill-anqas. (TOHROG)

Zija: Nispera li ma ccahdunix bicca Cake, ghax darb'ohra zgur li ma nigix ghal funeral !

Raina: Forsi tmut qablu Zi. Qed niccajta tafx. Naghmillek grokk iehor ?

Zija: Ftit Brandy iehor Raina. Tafu li Raina l-filjozza tieghi ? (ICCEMPEL IL-QAMPIENA)

Charles: Minn seta' gie issa ?

Frances: Jekk hi xi kuruna ohra, ibaghtha lura. (SADANITTANT RAINA TMUR TARA MINN GIE)

RAINA: (OFF STAGE - APPROACHING) Bongiorno, ghaddi. (TIDHOL, WARAJHA CHEVALIER DECESARE) Ghaddi. X'ghandek bzonn ?

Chev: L-ghodwa t-tajba. Jien il-Kavallier Pawlu Decesare mid-dipartiment ta' l-Universita. Qrajt fil-gazzetta........

Frances: Charles, smajtu ?

Chev: Nassumi li lkoll tigu minnu hux hekk ? Naghtikom l-ghomor u nwassal is-soghbha ta' shabi l-professuri ta' l-Universita. Kien ragel tassew kbir Carmenu Borg, ghalliem ta' esperjenza u integrita......

Jane: (TIDHOL JANE BIL-CAKE F'IDEJHA TKANTA L-BLUE DANUBE) Dan hu l-isbah funeral li qatt mort f'hajti. (TINDUNA B'CHEVALIER DECESARE U TINHASAD)

Raina: Jane, dan is-sinjur huwa mill-Universita!!! Jaf lill-papa!

Chev: Inthom kif tigu minnu ?

Charles: Ahna uliedu u din hija ohtu.

Chev: Il-papa taghkom, Alla jahfirlu, kien skular ta' klassi, studjuz kbir ta' zmienu, u jien, wiehed mill-istudenti li hrigt minn taht idejh.

Jane: (LIL CHARLES MINN TAHT L-ILSIEN) Minn se jghidlu ?

Raina: Ejja Charles, aqlaghha minn fuq l-istonku.

Chev: Nghidilkom is-sew, hsibt li ilu mejjet hafna, li kieku llum ma qrajtx fuqu fill-gazzetta.

Charles: Emmm..e..ghax Chev...ghax ghandek tkun taf......

Maria: (TIDHOL) Wara li nieklu nduru lkoll mal-pjanu fil-kamra l-ohra u niccelebraw flimkien....

Raina: Maria dan is-sinjur huwa mill-Universita u gie biex jaghtina l-ghomor!!

Charles: Qara' fil-gazzetta fuq il-mewt tal-papa.

Carm: (JIDHOL) Gie xi hadd iehor biex jiccelebra maghna ? Ha nara'...inti zgur in-namrat ta' Maria. Gejt biex taghtini sorpriza.

Chev: (ICCASSAT JAHSEB LI CARM FTIT MAHNIEX) Skuzi jiena ma jien innamrat ta' hadd. Gejt hawn biex nattendi funeral. Ghall-anqas dak kien il-hsieb tieghi.

Maria: Sinjur, dan huwa l-papa taghna. Hadna li qaghdt tinqala biex ticcelebra maghna gheluq sninu!!

Chev: Gheluq sninu!!!???

Maria: Iva, gheluq sninu, danzgur - imbaghad nispjegalek kollox.

Carm: X'inti tghid Maria m'inix nisma ?

Frances: Pa, is-sinjur kien student tieghek fiz-zmien u gie biex jifrahlek ghan-nom ta' shabu kollha.

Carm: Eh..prosit, prosit tassew. Kemm hi haga sabieha li ftakru fija. Allura inti n-namrat ta' Maria ?

Chev: Le, jien m'hinix namrat.

Carm: Mela min int ?

Chev: Jiena l-Kavallier Pawlu Decesare.

Carm: Min qal li huwa Kavallier ? (LILL-GUZA)

~~Zija:~~ Frances U int mhux xorta ghalik.

Maria: Pa, is-sinjur gie jiccelebra maghna gheluq sninek.

Chev: Dazgur, jekk tghidu hekk!!!

Carm: Ghandi pjacir bil-konoxxenza tieghek Kavallier.

Chev: Tant iehor. Qieghed niehu pjacir nehodlok b'idejk ......
imma inti veru Carm Borg......

Carm: Dazgur li jien Carm Borg. Dan x'qieghed jaghtih ?

Chev: Imma int l-istess Carm Borg li kiteb dik it-tezi famuza fuq ghar Dalam ?

Carm: Iva, iva. Kif int taf biha dik ? Hsibt li ntilfet max-xogholijiet l-ohra tieghi.

Chev: Dik ghad irridu nisimghu hafna fuqha.

Carm: Bla dubju dan huwa l-isbah birthday li qatt kelli.

Maria: Raina, offrilu x'jixrob lis-sinjur.

Jane: Missu kulhadd jerga jiehu grokk iehor.

Carm: Sewwa qed tghid Jane. Kulhadd missu jiehu grokk iehor, minbarra int Guz, ghax jaghmillek hazin tafx.

Zija: Carm, ghamilli pjacir u ieqaf milli tindahalli x'nixrob u niekol.

Chev: (FIL-GENB LILL-MARIA) M'hemmx dubju, nahseb li kien hemm xi zball kbir x'imkien.

Maria: Dasgur.

Chev: Il-problema hi li jien ma nista nifhem xejn. Grazzi. (RAINA TAGHTIH JIXROB)

Jane: Ghall-mistieden specjali taghna, Chev Pawlu Decesare. (KULHADD JIXROB)

Carm: Maria, jekk ma jimpurtax gibli naqra n-nuccali.

Maria: Hsibt li ghidtli li trid it-tabakk.

Carm: Xtaqt naqra ftit il-gazzetta.

Maria: Ghalfejn?

Carm: Tajba din, irrid naqra l-gazzetta.

Maria: Ma nafx fejn ghamlitha z-zija Guza.

Zija: Dasgur li naf fejn ghamiltha. Jien dejjem inhallihom fejn insibhom l-affarijiet. (RAINA TNEHHIHA MINN FEJN KIENET) Imma jien hawn hallejtha.

Carm: Ma jimpoṙtax Guza, imbaghad nara' aktar tard. (JINDUNA LI CHARLES GHANDU KOPJA FIL-BUT) Charles dik mhix il-gazzetta li ghandek fil-but ?

Charles: Hekk ghandu jkun, nahseb li l-gazzetta.

Carm: Maria, n-nuccali...

Maria: Ma nafx fejn hu, Jane ara ssibux trid ?

Carm: Mela Jane taf fejn ikun in-nuccali tieghi x'kull wahda.

Jane: Raina, il-papa irid in-nuccali.

Carm: Mela Raina tista tobsor fejn naghmel in-nuccali jien ?

Charles: U issa aqra' ha wara l-ikel Pa.

Carm: Imma jien issa rrid naqra Pa.

Raina: Imma n-nuccali mhux hawn qieghed.

Carm: Mela naqra wara l-ikel. (IDAHHAL IDEJH FIL-BUT U JSIB IN-NUCCALI) Hawn qieghed..rajtx kif sibtu, mela ha naraw x'ghandna llum.

/Page 19....

Chev: Sur Borg (JEHODLU L-GAZZETTA MINN IDEJH) Ha naqralek x'kitbulek uliedek fl-okkazzjoni ta' l-gheluq sninek. (KULHADD JISTENNA MBAZZA') (IQALLEB IL-FACCATI) Lil mahbub missierna Carmenu Borg, f'gheluq it-tmenin sena tieghu, illum 16 ta' Jannar 1981 nixtiequlu minn qalbna hafna affarijiet sbih u bosta snin ohra ta' hajja mimlija b'risq, hena u barka minn ghand ..min ghand (IFESFSULU F'WIDNEJH)

Maria: Raina, Jane, Charles u Frances.. (ICCEMPEL IL-QAMPIENA)

Raina: Ha mmur nara' minn gie. (TOHROG)

Chev: Haga sabieha tassew li tiltaqaw kull sena' flimkien biex ticcelebraw gheluq zmien il-papa. Haga sabieha ferm. Jien m'ghandix huti ghalhekk inhossni bhal eremita wahdi.

Raina: Maria: hawn il-Kappillan. Gie jara fi x'hin hu l-funeral.

Carm: Min gie Raina ? Ghidlu biex jghaddi jiehu grokk maghna!!

Maria: Hadd specjali Pa.

Raina: Gie tal-pitrolju Pa.

B L A C K   O U T - TA FTIT SEKONDI

L-ISTESS KAMRA WARA L-IKEL. KULHADD FERHAN. B'xi KPIEPEL TAL-KARTI U TAZZI TAX-XORB. MINN JIZFEN. MARIA U CHEV FLIMKIEN. CARM U Z-ZIJA JIZFNU UKOLL.

Carm: Iz-zmien ghamel bija, sa jkolli npoggi ghax ghajjejt.

Zija: Jien ghidtlek li ma ghadx baqalek zmien tizzeglek.

Carm: Tista tghid ghalija int ukoll.

Zija: Jien se nara ndabbarx rasi.

Carm: Kemm sejra kmieni ?

Zija: Ghax kont mifthema ma Polly ta' hdejja biex tigi taghmilli xaghri fl-erba' u sakemm nasal id-dar malajr isir il-hin.

Carm: U ejja nizfnu tnejn ohra.

Zija: Inti tajtni biccа kejk ohra ?

Carm: U ejja tkunx belha Guz. Dak mhux tajjeb ghalik.

Zija: Tant iehor mhux tajjeb ghalik iz-zfin. Ha mmur nghid lill-ohrajn li sejra. (TOHROG GHALL-KCINA)

Carm: U jien sa mmur sal-gnien niehu ftit arja. Hekk jew hekk il-maltemp donnu ghadda issa. (JOHROG)

Charles: Ha nigi jien ukoll Pa. (JOHROG MIEGHU)

Maria: Mur maghhom Jane, issa nisbarazza u nahsel il-platti jien.

Jane: OK... are sejra. (TOHROG)

Chev: Jimporta nghinek sinjorina ?

Maria: Bil-qalb kollha. X'gurnata. Ma nafx x'gaghalni naghmel hekk.

Chev: Tassew originali u nteressanti. Qatt ma gietek f'mohhok qabel.

/Page 20.......

Maria: Qatt u lanqas terga tigri.

Chev: Naqbel mieghek, imma kienet haga tassew sabicha li gbart il-familja kollha f'daqqa.

Maria: Nahseb tghid bejnek u bejn ruhek li ghamilt hazin. Ghid is-sew.

Chev: Hazin u tajjeb fl-istess hin...haga li missierek zgur li jibqa jiftakar kemm idem haj.

Maria: Isma nixtieq nifrahlek kemm hsibtha tajjeb meta hadtlu l-gazzetta min idejh u vvinntajt dak il-paragrafu.

Chev: Haga zghira.

Maria: Emminni meta rajtu jinsisti fuq il-gazzetta hassejt bhal hass hazin u bdejt noghtor minn saqajja.

Chev: Alla hares qara' li hu kien miet il-bierah fil-ghaxija.

Maria: Fuq x'hiex bdejtu titkellmu waqt it-te int u missieri ?

Chev: Kont qed nistaqsih jekk ghandux xi xoghol iehor li mhux ippublikat.

Maria: Min jaf kemm ha gost.

Chev: Il-privilegg huwa kollu tieghi li kelli x-xorti nkellem lil famuz Carmenu Borg qabel ma miet.

Maria: Allura qallek li ghandu xi xoghol iehor ?

Chev: Le, qalli li ghal dawn l-ahhar snin ma baqalux mohh jikteb. Imma Alla jbierku ghad ghandu mohh ta' l-ghageb.

Charles: (JIDHOL) Kemm ghandkom kenn hawn gew. Ma rajtux lil Frances hux ?

Maria: Nahseb li qeghda ma Raina fil-kamra l-ohra. (LILL-CHEVALI... Ahna x'naghmlu nibdew ?

Chev: Iva iva mela le. (JILBES FARDAL, JAQBDU XI PLATTI U JOHORGU LEJN IL-KCINA)(CHARLES JIBQA WAHDU FIX-XENA. MA JAFX X'SE JAQBAD JAGHMEL U GHALHEKK JIBDA JAQRA L-GAZZETTA U JPEJJEP SIGARETTE - WARA FTIT JIDHLU CARMENU U JANE)

Carm: Ma nistax nifhem fejn marru dawk il-kopji kollha tal-gazzet... Ghandi nifhem li llum kulhadd xtara kopja biex jaqra fuqi. (CHARLES MALAJR JAHBI L-GAZZETTA)

Charles: Ma nafx x'sar minnhom, haga ta' l-iskantament.

Carm: Nispera li nsibhom ghax irrid inzomm rikordju. Il-gazzetta ilha ma ggib ismi ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena, daqs kem... kont ili ma nkellem liz-zija Guz. Mela mela hej.

Jane: Imma l-Kavallier Decesare diga qralek kull ma kien hemm miktub fuqek.

Carm: Naf naf, imma mhux l-istess. Jien irrid naqra jien b'ghajnejja. (CARMENU IPOGGI BIL-QIEGHDA FILWAQT LI JIDHLU <u>FRANCES U RAINA</u>) Isma Frances, aqtaghli kurzita, Charles ma kienx liebes incravata sewda meta dhalt jien ?

Frances kulur il-libsa. Jien ghidtlu li qisu bil-vistu, imma ma riedx jisma'.

Carm: Dak il-Kavallier Decesare irid jara aktar xogholijiet tieghi li kont ktibt u ma gewx ippublikati. Irid jigi hawn u noqghodu naqrawhom flimkien.

Raina: B'daqshekk x'fiha ?

Carm: Imma jien m'ghandix x'nurih. Kuntent b'dak li ktibt ghoxrin sena ilu. Nibza li jekk nerga nharbex xi haga llum nitlef il-qaleb u l-gbejna ghax xi kultant ma nafx xi nkun qieghed nghid, ahseb w'ara nikteb.

Jane: Jiena nahseb li ha grazzja ma Maria. Ma rajthomx qedin jahslu l-platti flimkien ?

Carm: Minn fommok l'Alla binti. Jien nixtieq hafna li Maria ssib xi guvni bil-ghaqal. Imma tghid kif se naghmel biex nghidlu jerga jigi l'hawn ?

Jane: Dik Maria qiesa buzbetika ukoll. La qatt tohrog. La qatt tmur xi night Club.

Frances: Mela mhux bhalek.

Carm: Hux irid jara' xi ktibt Il-Kavallier Decesare. Kemm irid ingiblu x'jaqra. Ejja mieghi Charles ha tghini b'xi kotba (JOHROG)

Charles: (WAQT LI JKUN HIEREG) Ma nafx x'se naghmel fuq il-gazzetta. Tghid nehel xi multa talli tajt informazzjoni mhux minnha.

Frances: U xi trid tehel ? Int taf id-dimonji kollha.

Raina: Taghti nformazzjoni mhux minnha lill-gazzetti ? Tehel inghid!! Dik akkuza serja!!

Charles: U ha naraw kemm se' jaghmlu zuffjett bija. (JOHROG)

Jane: Kemm hadt gost illum. Li kieku ma kienitx Maria.....

Raina: ...Il-papa kien iqattha l-birthday wahdu.

Jane: Jien ghadni ma nistax nemmen li l-papa ghadu haj.

Raina: Anke jien, inhossni qiesni qed nohlom.

Zija: (TIDHOL) Tghid Charles iwassalni sad-dar ? Ghax sar il-hin gmielu u addio l'hairdresser u addio kollox.

Frances: U mela le isbah din.

Raina: Kont daqxejn aggressiva illum hux ?

Frances: Nahseb li kulhadd kien xi daqxejn imhawwad illum.

Raina: Charles ghadu l-istess.

Frances: Charles ma tantx jinbidel.

Charles: (JIDHOL MGHOBBI B'HAFNA MANUSCRITTI U KOTBA) Dawn kollha xoghol il-papa.

Carm: (JIDHOL MGHOBBI DAQS CHARLES) Halli naghtih x'jaghmel lill-Kavallier. Dan huwa l-imbarazz kollu li ktibt

/Page 22........

tul hamsin sena. (TIDHOL MARIA, WARA FTIT JIDHOL CHEV DEC)

Maria: Pa hemm x'nizzilt ?

Carm: Dak kollu xoghol ghall-habib taghna l-Kavallier.

Chev: X'meravilja!! Imma int ghidtli li ma ktibt xejn.

Carm: Rega bdieli, ghax issa hadt grazzja mieghek.

Chev: Grazzi Sur Borg.

Carm: Tahseb li ghandek bizzejjed fuqhiex tahdem ?

Chev: Hallini nibda b'dawn, imbaghad il-quddiem naraw.

Frances: Jimporta twassal liz-zija Guza sad-dar ? (LILL-CHARLES)

Carm: Allura diga se thallina Guz ?

Zija: Diga ili hawn minn fil-ghodu ?

Carm: Insomma hadt gost hafna li rajtek guz.

Zija: Carm, poggi rasek fejn issibha xejn ma nghidlek.

Carm: U int isma minni tixrobx hafna ghax jaghmillek hazin ghall-fwied.

Zija: Tindahalx ghax nergaw niksruha!!

Charles: Ahjar immorru ghax il-hin qed jaghfas.

Frances: Ahjar ningabru. Grazzi hafna tal-festin li kellna. Hadna gost immens.

Carm: Ghidu grazzi lill-Maria, ghax hi hadet hsieb kollox.

Maria: Haga zghira. L-aqwa li ha gost kulhadd.

Frances: Jane nahseb li se torqod hawn ghall-lum hux hekk ?

Jane: Ma nahsibx li l-vapur qaghad jistenna lili, u jien zgurha li l-papa jiehu gost bija.

Raina: Jien norqod hawn fuq is-sufan. Thabblux raskom ghalija.

Zija: (WARA LI TILBES XI COAT U MUFFLER) Tlaqt Carm, ibza ghall-sahhtek.

Carm: Tantx issuq tghaggel Charles, ghax il-ftit hajja li ghad baqala' z-zija Guza.....

Zija: Tergax tibda Carm.....

Carm: Min ha nibda ? ara ha nigi nwasslek sal-karozza.

Zija: Tigi xejn ghax tiehu rih. Ilek hawn il-gurnata kollha.

Frances: Bierekna Pa, †;Alla nergaw niltaqghu bhall-lum ghall-hafna snin ohra.

Charles: Pa, hadt gost hafna li qattajna l-gurnata mieghek. Inweghdek li nigi narak ta' spiss. Nhar il-Hadd ejjew kulu bukkun ghandna. Xi tghid Frances ?

Frances: Till-qalb kollha. Nistennewkom ilkoll.

Carm: Issa tassew kuntent. Familja wahda..hekk ghandu jkun.

Charles: Sahha ghalikom.

Frances: Bye kulhadd, narawkom.

Raina: Ciaw Charles, bye Frances.

/Page 23....

Jane: Frances, ghada nigi nara d-dar il-gdida

Frances: Mela le nistennik.
(MARIA TMUR TWASSAL IZ-ZIJA BARRA U TOHROG GHAL FTIT).

CHEV: Jiena ahjar nahseb wkoll. Gejt ghal kwarta u qattajt sitt sighat maghkom. Il-lejl it-tajjeb.

Carm: Sahha Chev Decesare. Halli minn jarak. Il-lejl it-tajjeb.
(JOHROG CHEV DECESARE).

Carm: Ha npoggi ftit hawn, ghax issa verament ghajjejt.
(FILWAQT LI CARM IPOGGI, ISSIB KOPJA TAL-GAZZETTA, LI CHARLES JKUN HEBBA TAHT IL-CUSHION FTIT QABEL).

Carm: Hawn hi il-gazzetta. Fl- ahhar sibta. Issa xieraq li nsib in- nuccali. (IFITTEX FIL-BWIET KOLLHA).
Hawn hu wkoll. (JILBSU BIL-MOD).
Mela ha naraw ftit...(JIBDA JAQRA, INIZZEL IL-GAZZETTA BIL-MOD IL-MOD U MA JICCAQLAX IZJED - TIDHOL MARIA FERHANA).

MARIA: Ajma Pa, ghajjejt. X'deherlek mil-festin li ghamilnilek. (MARIA TPOGGI IL-BOGHOD MINNU). Kemm qed ihossni ferhana li hawn inthom Jane, u anki int Raymond.

Jane: Naghmlu tazza te. Pa tiehu wahda?

RAINA : (JERSAQ LEJH). Il-pa raqad Jane. Halieh, ghax nahseb li l-emozjoni kienet haga mhux tas-soltu ghalih li jarana lkoll hawn maqudin flimkien.

Maria: U kif Ray. Ma tistawx tifhmu x'tfisser ghal Papa, okkozjoni bhal-lum. Jarana lkoll flimkien, niehdu gost nidhqu, nieklu flimkien bhal dari. Imma iz-zmien ittir, u ma jistenna lil hadd. Ha mmur naghmel il-mishun.

Jane: Alla hares qara dik il-bicca li kiteb Charles fuq il-mewt tieghu.

RAINA : X'wahda din, il-pa kien qed jaqra il-gazzetta. Ahjar nohodlu l-gazzetta minn idejh forsi jinsiegha.

Maria: U b'hekk zgur ma jkunx jista jaqra ful il-mewt tieghu.

Raina: (Tersaq bil-mod u tnehhi l-gazzetta - tinhasad).
Maria, il-pa zgur mhux ha jaqra fuq il-mewt tieghu.

Maria: Naturalment issa rieqed....imma meta jqum....

Raina: Maria, rieqed raqda li ma jergax jqum minnha....qatt.
Missierna strah, strah ghal dejjm.
(Maria iddur f'daqqa, twaqqa il-kabare b'xi tazzi fuqhom ghax tinhasad. Iddawwar wiccha, minghajr ma taghmel pass u ticcassa bhal belha. Filwaqt Jane li tkun bil-qeghda fuq sufan tqum f'daqqa u tghajjat ghajta.
Raina, imellislu wiccu...

SEPARJU BILMOD........

BOARD OF FILM CENSOR
No. 9
MALTA